Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

It-Tlieta 12 ta' Marzu 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Horace Gauci – | Sindku |
| Steven Grech – | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa – | Kunsillier |
| Janice Chetcuti – | Kunsilliera |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Emma Vella – | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| 69.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 69.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 69.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 69.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 67 flimkien mal-kopja tas-Seduta b'Urġenza numru 68, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 69.2.2 | Is-Sur Steven Grech ppropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduti 67 u 68, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 69.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 69.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-18 ta' Frar 2019 flimkien mas-Sur Steven Grech kien attenda laqgħa għand il-WSC sabiex jiġu diskussa xogħolijiet fit-toroq f'Marsaxlokk li għadhom pendenti. |
| 69.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-18 ta' Frar 2019 attenda għall-kunċert minn Kor miġjub mir-Renju Unit li saret fis-Santwarju ta' Marsaxlokk. |
| 69.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-19 ta' Frar 2019 attenda għal-Laqgħa tar-Reġjun Xlokk fejn ġiet diskussa r-Riforma tal-Kunsilli Lokali u spjega li r-Reġjun Xlokk ser jiġi xolt u Marsaxlokk se jibda jagħmel parti mir-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ġiet diskussa l-possibiltàli l-Kunsill jiġu mogħti bandla għal persuni b'diżabilita, imma peress li l-Kunsill applika għall-iskema sportiva, għalissa ma setax jiġi mogħti din il-bandla wkoll. |
| 69.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-20 ta' Frar 2019 kien attenda laqgħa mal-FTZD rigward il-bankijiet tax-Xatt f'Marsaxlokkli, qed jiġu miżbugħa mill-ġdid mill-istess Fondazzjoni. |
| 69.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-21 ta' Frar 2019 kellu laqgħa ma' propjetarju ta' binja f'Marsaxlokk fejn ġie infurmat li kienet se tidħol applikazzjoni għal żvilupp fi Triq Santa Katerina / Triq iż-Żejtun u l-passaġġ eżistenti li minnu jgħaddi l-pubbliku, li huwa kollu tal-privat, se jinbena u għaldaqstant l-imsemmi passaġġ se jkollu jsir aktar 'il fuq. |
| 69.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-22 ta' Frar 2019 flimkien mas-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' rappreżentant tal-Ministeru tal-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza rigward l-*Integration Charter*. |
| 69.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar is-26 ta' Frar 2019 kienet inżammet laqgħa rigward id-Development Planning Fund (ex-UIF) imma hu ma setgħax jattendi peress li kien l-isptar. Is-Sur Gauci spjega li l-Perit responsabbli kien għadda d-dokumenti kollha ta' din il-laqgħa. |

| | |
|---|---|
| 69.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-1 ta' Marzu 2019 nżammet laqgħa mill-*EduChange Project* fejn kien hemm preżenti studenti universitarji minn pajjiżi differenti u, li fl-assenza tas-Sindku kienet attendiet għaliha l-Kunsilliera Janice Chetcuti sabiex tagħti tagħrif dwar il-lokalità ta' Marsaxlokk. |
| 69.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-3 ta' Marzu 2019 kien attenda għall-attività tal-Karnival li organizza l-Kunsill stess. Is-Sur Horace Gauci wera d-diżappunt tiegħu għar-raġuni li l-attività tal-Karnival bdiet tard. Is-Sindku qal li darba oħra l-Kunsill għandu jipprova jilħaq fthemin mal-Kappillan sabiex jitranġa l-ħin tal-quddies għal dakinhar tal-attività. |
| 69.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Konferenza Stampa rigward l-Imwejjed u s-Siġġijiet li kienet issejħet mill-Kunsill ta' Marsaxlokk nhar is-6 ta' Marzu 2019 kienet ser tiġi diskussa aktar fid-dettall bħala *agenda Item* 69.11. |
| 69.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-7 ta' Marzu 2019 flimkien mas-Sa Emma Vella kien attenda għal laqgħa ma' rappreżentanti mill-Ministeru tal-Ambjent fejn ġie diskuss l-iskart organiku u spjega li l-mira hi li tibqa' titnaqqas il-borża s-sewda. Is-Sur Horace Gauci żied jgħid ukoll li l-liġi tal-iskart se tkompli tinbidel u ġejja aktar ħarxa sabiex ikun hemm dixxiplina u aktar edukazzjoni f'dan ir-rigward. |
| 69.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-12 ta' Marzu 2019 flimkien ma' Sindki oħra kien mistieden fuq programm televiżiv. |
| 69.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-12 ta' Marzu 2019 flimkien ma' uffiċjal amministrattiv tal-Kunsill Lokali kien attenda laqgħa organizzat mill-ERA rigward ir-regloamenti ġodda dwar it-tħawwil, żamma, żbir u qlugħ ta' siġar. |
| **69.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 69.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-imwejjed u s-siġġijiet – Masterplan?" Is-Sindku spjega li din il-materja se tiġi diskussa fl-*agenda item* 69.11. |
| 69.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Mera għal Triq Barthelemy?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-mera kellha ssir. |
| 69.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "*Zebra Crossing* Melqart u Axtart?" Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ż-*zebra crossing* għadha kemm ġiet approvata minn TM. |
| 69.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Triq l-Arżnell fejn is-Substation għal "*Disabled*"?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li TM qed tagħmel il-preparamenti meħtieġa. |
| 69.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Ġnien li kellna nagħmlu fejn il-parkeġġ tal-Barumbara?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li kellha ssir stima minn perit. |
| 69.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Pjanta tar-*Road Markings* ta' Triq it-Trunċiera?" Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li din ser issir mill-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali. |

| | |
|---|---|
| 69.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Konkos ta' ġol-Magħluq?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dawn se jsiru mill-Ministeru tat-Turiżmu. |
| 69.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-Arbli tal-Milied?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jinkera *Cherry Picker* sabiex jitneħħew. |
| 69.4.9 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "*Regeneration Plan* f'hiex wasal?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jiġi komunikat il-Prim Ministru f'dan ir-rigward. |
| 69.4.10 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Fireworks Festival?" Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill b'korrispondenza datata 11 ta' Marzu 2019 li intbagħtet mill-Ministeru tat-Turiżmu fejn kien hemm miktub fid-dettal ir-ragunijiet għala l-*Fireworks Festival* ma sarx f'Marsaxlokk. |
| **69.5** | **Rapporti** |
| 69.5.1 | - Permezz ta' korrispondenza datata 19 ta' Frar 2019 mingħand TM, il-Kunsill ġie infurmat li kien mogħti permess permanenti ta' *Reserved Parking* fi triq.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 4 ta' Marzu 2019 mingħand TM il-Kunsill ġie infurmat b'lista ta' approvazjonijiet ta' talbiet li għamel il-Kunsill rigward rikjesti varji ta' xogħolijiet ta' toroq f'Marsaxlokk.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 10 ta' Marzu 2019 mingħand l-Għaqda 8 ta' Mejju, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jidħol f'kollaborazzjoni mal-istess Għaqda sabiex tittella' kummiedja mużikali. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jara kemm ser ikun hemm *budget* sabiex il-Kunsill jikkollabora bl-istess mod mal-għaqdiet kollha tal-lokal.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 9 ta' Marzu 2019 mingħand l-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jingħata permess biex issir attività ta' Egg Hunt għat-tfal, inkluż BBQ, fl-inħawi tal-Magħluq. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandha tinstab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attività.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 27 ta' Frar 2019 mingħand individwu, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jipparkja l-karavan tiegħu f'Marsaxlokk fi żmien ix-xitwa. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandu jingħata l-ebda permess f'dan ir-rigward.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 7 ta' Marzu 2019 mingħand il-Historic Club of Malta, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati b'rikjesta sabiex jipparkjaw il-muturi tagħhom fil-Pjazza Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk waqt li jkunu qed jieklu fil-lokalità. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandux jingħata permess għar-raġuni li l-Pjazza Madonna ta' Pompei mhix parkeġġ u talbiet jiġu biss milqugħa meta jkun hemm attività ta' *fund raising*.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 9 ta' Marzu 2019 mingħand residenta, il-Kunsill ġie infurmat b'taraġ li jostakola bankina. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dan il-każ għandu jiġi mgħoddi lill-*Housing Authority* u għaldaqstant il-Kunsill kellu jikteb sabiex jintervjenu u jaraw il-każ. |

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 5 ta' Marzu 2019 mingħand l-Uffiċċju Missjunarju, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jinbiegħ ħobż biż-żejt u ħelu f'San Girgor u l-qliegh imur għall-missjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma ghandu jkun hemm l-ebda oġġezzjoni.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 26 ta' Frar 2019 mingħand l-Assoċjazzjoni ADI, f'isem l-ERA l-Kunsill ġie infurmat sabiex jiġu identifikati siti fil-lokalità sabiex ikunu jistgħu jitħawlu s-siġar. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jitlob għal aktar kjarifika fuq din il-materja.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Marzu 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat sabiex jagħti informazzjoni jekk hux interessat li jikseb siġar ġodda bil-għan li jitħawlu fil-lokalità. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jkollu aktar informazzjoni qabel ma jieħu deċiżjoni, per eżempju rigward tisqija.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 9 ta' Marzu 2019 mingħand individwu, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex tittella' dgħajsa n-naħa tal-Magħluq biex isirulha xi tiswijiet. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandux jingħata permess u l-individwu għandu jiġi infurmat li jista' jeħodha l-*hard standing*.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Marzu 2019 mingħand il-kuntrattur li jagħti servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ użati f'Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat li s-servizz se jieqaf temporanjament. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jistenna għal ftit żmien u l-materja għandha tiġi diskussa mal-AKL.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 12 ta' Frar 2019 mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, il-Kunsill ġie infurmat li inħareġ avviż ta' infurzar fuq propjetà f'Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/01702/19, PA/01723/19, PA/01720/19, PA/01421/19, PA/01457/19, RG/05285/18, EC/00007/19, RG/04977/18, PA/01047/19, PA/01132/19, PA/01198/19, PA/01264/19.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dik innumerata PA/01720/19 u li għaliha l-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| **69.6** | **Mozzjonijiet** |
| 69.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **69.7** | **Sejħiet għall-Offerti** |
| 69.7.1 | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tal-*Public Conveniences* ma kellu l-ebda appell u għaldaqstant ingħata lill-irħas *bidder* li kien *compliant* kemm *financially*, *administratively* u kif ukoll *technically*. Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsilliera li malli l-kuntrattur iġib il-Garanzija tal-Bank, il-kuntratt ikun jista' jiġi iffirmat u jidħol fis-seħħ. |
| | |

| | |
|---|---|
| **69.8** | **Jum Marsaxlokk 2019** |
| 69.8.1 | Is-Sindku issuġġerixxa li Jum Marsaxlokk jinżamm filgħaxija tat-28 ta' April 2019 kif kien maqbul. Wara diskussjoni libera u vot unanimu l-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Il-Kunsilliera qablu wkoll li għandha tintbgħat korrispondenza lill-għaqdiet tal-lokal, bħas-snin preċedenti, sabiex jiġi deċiż lil min ser jingħata rikonoxximent u Ġieh Marsaxlokk.<br><br>Is-Sindku spjega li l-ewwel ser issir quddiesa fis-6pm, u wara l-attività se tinżamm quddiem il-Kunvent tas-Sorijiet għar-raġuni li se jiġi installat *Sea Bin* f'dik l-akwata, liema bin ġie mogħti lil Marsaxlokk mingħand 'Zibel Malta' permezz ta' għajnuna mingħand l-MTA.<br><br>Is-Sindku issuġġerixxa lill-Kunsilliera sabiex issir bibita fuq tradizzjoni tar-raħal bħal tisjir ta' aljotta u ħobż biż-żejt. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-bibita għandha ssir kif propona s-Sindku. |
| **69.9** | **Proposti għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart** |
| 69.9.1 | Permezz ta' Ċirkolari Numru 3/2019 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti rigward il-proċess il-ġdid tal-kuntratt tal-ġbir ta' materjal tar-riċiklaġġ.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kellhom jintbgħatu żewġ rikjesti ta' proposti liż-żewġ entitajiet preżenti, li huma l-GreenMT u l-GreenPak, qabel ma jagħlaq il-kuntratt preżenti, sabiex il-Kunsill jagħżel l-aħjar offerta. Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill li r-rikjesta tal-proposti intbagħtet mill-ewwel għar-raġuni li l-kuntratt kien għalaq f'Jannar 2019, u spjegat li dan il-proċess ma sarx qabel minħabba li l-Kunsill kien qed jistenna struzzjonijiet kif ser jipproċedi mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti, wara li kien bagħat *Concession Letter*.<br><br>Is-Segretarju Eżekttiv informa lill-Kunsill li l-Green MT bagħtet il-proposta tagħha fil-ħin stipulat filwaqt li l-GreenPak ma bagħat xejn, avolja intbagħtu *reminders*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li saret ukoll korrispondenza verbali fejn il-GreenPak infurmat li kellha ħafna kuntratti u għaldaqstant ma setgħetx turi interess.<br><br>Wara diskussjoni libera rigward il-proposta tal-Green MT, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa flimkien mal-entità sabiex jiġu diskussa ċertu proposti u alternattivi qabel ma jiġi iffirmat il-kuntratt finali. |
| **69.10** | **Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO)** |
| 69.10.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-importanza li jiġi maħtur Data Protection Officer fi ħdan il-Kunsill hekk kif titlob il-liġi u fakkret lill-Kunsilliera li d-DPO li hemm preżenti huwa biss temporanju u jittermina f'Mejju 2019. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jiġu maħtura bħala DPO l-istess impjegati tal-Kunsill sabiex l-istess Kunsill ma jidħolx fi spejjeż. |

| | |
|---|---|
| **69.11** | **Konferenza Stampa – Imwejjed u Siġġijiet** |
| 69.11.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ħadd mill-*media* ma kien attenda għall-Konferenza Stampa li kienet imsejħa nhar is-6 ta' Frar 2019 ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Horace Gauci spjega li ser jifformula dokument u issuġġerixxa li għandu jintbagħat lill-*media*, lir-residenti, lir-ristoranti u l-entitajiet konċernati u l-Kunsill għandu jipproċedi bit-twaħħil ta' *studs* sabiex ikun hemm ordni. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti, ġie deċiż il l-Kunsill jimxi mas-suġġeriment tas-Sindku. |
| **69.12** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 69.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 3/19) għall-approvazzjoni. |
| 69.12.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Daniel Zerafa, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 69.12.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Frar għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **69.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 69.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-7:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 t'April 2019 fl-4:00pm. |

Konfermati, illum 9 t'April 2019.

IFFIRMATA

__________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv